MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 1636/1999/1

**Julian Saliba, Joseph Borg, Grezzju Attard, David Mellors u Raymond Theuma**

**Vs**

**Fr. Emanuel sive Noel Grima**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ppremettew illi:

Peress illi b'artiklu intitolat "LIBYAN PRISONERS CONFIRM BEATINGS ALLEGATIONS" ppublikat fl-ewwel pagna tal-harga ta' "THE MALTA INDEPENDENT" tat-2 ta' Lulju, 1999, (Dok A.) – ta' liema pubblikazzjoni l-

konvenut hu l-awtur u l-editur - gew attribwiti fatti determinati foloz u malafamanti fil-konfront ta' kull wiehed mill-atturi bl-iskop li jesponu l-istess atturi ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku;

U peress illi kull wiehed mill-atturi bhala l-parti malafamata u offiza ghandu d-dritt ghad-danni kkontemplati fl-Art. 28 tal-Ligi tal-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta);

Jghid il-konvenut ghaliex:-

1. M'ghandux jigi ddikjarat u deciz minn dina l-Qorti illi l-pubblikazzjoni suriferita li dehret fl-ewwel pagna tal-harga ta' "THE MALTA INDEPENDENT" tat-2 ta' Lulju, 1999 hija libelluza u malafamanti fil-konfront ta' kull wiehed mill-atturi u li tesponi lill kull wiehed mill-atturi ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku; u

2. M'ghandux jigi kkundannat minn dina l-Qorti jhallas lill kull wiehed mill-atturi dik is-somma li tiffissa l-istess Qorti f'ammont li ma jeccedix hamest elef lira (Lm5,000) f'kaz ta' kull attur bhala danni ghall-malafama b'applikazzjoni tal-Art. 28 tal-Ligi tal-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta).

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li minn issa qed jigi ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol.14 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi.

2. Illi l-artikolu in kwistjoni huwa permissibli f'socjeta` demokratika fejn l-istampa hielsa ghandha funzjoni ta' *watchdog*.

3. Illi l-fatt li l-prigunieri Libjani gew imsawwta rrizulta minn evidenza medika.

4. Illi l-artikolu jikkostitwixxi *fair comment.*

Salvi eccezzjonijiet ohra.

**Kontestazzjoni u provi**

L-atturi, li huma l-persuni imsemmija fl-artikolu inkriminat, qed joggezzjonaw ghall dan l-artikolu billi qed isostnu li l-allegazzjonijiet maghmula huma ghal kollox foloz u malafamanti billi qed jattribwixxi diportament kriminali li jekk veru jista' jwassal ghal passi dixxiplinari serji kontra taghhom. Huma qed jirritjenu li mill-inkjesta interna li saret ma rrizulta xejn kontra taghhom.

Minn naha l-ohra l-konvenut qed isostni li l-gazzetta qatt ma qalet li l-atturi sawtu lill prigunieri libjani imma li huma jistghu jixhtu dawl importanti fuq il-kaz. Il-punt ta' l-artikolu skond il-konvenut huwa li dawn in-nies b'xi mod kellhom awtorita' reali u kienu jafu jew ippermettew jew kienu a konoxxenza ta' dak li qed jigri. Fil-kaz li ma kienux huma li sawtu fizikament, huma pero' kienu a konoxxenza ta' min kien ikun qed isawwat.

L-atturi qed joggezzjonaw ghall parti ta' l-artikolu fejn jinghad li:

*"sources at the Corradino facility are also calling on the minister to ask the following two members of the Special Response Team who are stationed at Corradino, whether they know anything else about the beatings: PC 477 Giljian Saliba, PC 751 Joseph Borg. And also three Correctional Officers: CO 156 Grezzju Attard, CO 65 David Mellor, CO 133 Raymond Theuma".*

L-atturi, hlief David Mellors (li ma xehedx fil-Qorti), xehdu jew li ma kienux prezenti meta sar l-allegat swat jew li jekk kienu prezenti, ma sar xejn minn dak allegat fl-artikolu. Huma jghidu li ma sawtu lill hadd u li ma sarx swat quddiehom. Joseph Borg inoltre jghid li dak in-nhar kien dettaljat biex jaghmel *strip searches* tal-prigunieri li jidhlu minn barra. Wara nofs in nhar dahlu *newly admitted*,

tlieta minnhom Arab u wiehed minnhom kien jidher migugh u sahansitra kellhom jghinuh jitla’ t-tarag. Strippjawhom u nfurmaw lit-tabib u lin-*nurse* billi kien jidher li dan kellu l-parti tieghu ma kinietx normali.

Il-konvenut xehed li r-rapport fil-gazzetta tat-2 ta’ Lulju, 1999 huwa, b’mod ftit iktar imwessgha, rapport ta’ dak li intqal fuq il-programm tar-radio fejn anke issemmew l-ismijiet ta’ uhud mill-atturi (ara xhieda Joe Mifsud). L-artikolu ma jghidx li l-atturi sawtu lill prigunieri libjani imma li huma jistghu jixhtu dawl importanti fuq dak li gara dak inhar. Il-konvenut xehed li hu setgha jikkonferma li s-swat sar fl-ambitu tal-habs ghax meta l-pulizija ghaddew lil-libjani lill habs dawn kienu ghadhom fi stat tajjeb. Hu rrefera ghac-certifikat tat-tabib Dr. Sammut a fol 36 li jghid li fil-mument li l-libjani kienu ghaddew minghand il-pulizija ghall-habs ma kienux ghadhom garrbu l-feriti li nstab li kellhom wara (ara Dok fol 30-35 tal-kumpilazzjoni).

Il-konvenut ikompli jghid fix-xhieda tieghu li r-rapport tal-Bord ta’ Inkjesta tal-habs jikkonferma hafna minn dak li kien hemm fl-artikolu u li l-atturi kienu nies hemmhekk li jistghu jixhtu dawl fuq il-kaz. Ir-rapport jghid li xi haga grat, kien hemm l-atturi prezenti, imma ma jistax jattribwixxi l-fatt lill persuni b’isimhom.

**Ligi**

Illi fost il-principji importanti li wiehed irid izomm quddiem ghajnejh huwa tal-bilanc li jrid jinzamm bejn “il-bzonn li is-socjeta` demokratika jithalla spazju sufficjenti ghall-liberta` li wiehed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, mal-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur, l-isem tajjeb, li kull persuna f’socjeta` demokratika ghandu kull dritt li jgawdi” (“Vincent Borg vs Victor Camilleri et.” - A.C. 15 ta’ Novembru 1994. - LXXVIII.II.I.372.).

Gurisprudenza recenti tal-Qrati taghna qieset f'liema kazijiet il-Qorti "ghandha tippermetti l-atitudini fil-kritika li tista' tkun mhux biss iebsa imma wkoll azzardata entro i

termini accettati tad-decenza permissibili f'socjeta' demokratika". Il-principji li ghandhom liberament jigu applikati huwa f'dawk il-kazijiet fejn:

1. Il-persuna li lejha tkun indirizzata l-kritika tkun ta' certa notorjeta' pubblika;

2. Fejn il-kritika tkun ta' interess pubbliku anke jekk tikkoncerna l-hajja privata tal-persuna pubblika;

3. Fejn il-kritika tkun bazata fuq u mibnija madwar fatti li jkunu sostanzjalment veri.

(Ara sentenzi App Civ. Fenech vs Callus et 4.2.94; App Civ. Sant vs Camilleri et 14.2.94; App Civ. Mons. A. Gauci vs M. Schiavone et 8.11.95)

**Konsiderazzjonijiet.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li t-tlett libjani kienu gew imsawta wara li kienu gew arrestati u detenuti fuq kaz ta' stupru fuq tfajla gewwa Paceville. Kienet saret kumpilazzjoni kontra tlett ufficjali tal-pulizija fuq akkuzi ta' swat u reati konnessi (ara atti tal-kumpilazzjoni a fol 68 sa 321) u kienu gew liberati billi fil-fehma tal-Qorti ma kienx intlahaq il-grad ta' prova mehtieg. Il-Qorti kienet, apparti konsiderazzjonijiet ohra, irrimarkat li meta Khalid kien gie prezentat fil-Qorti fil-21 ta' Gunju, 1999 hu kien gie ezaminat minn Dr. R. Sammut li skond certifikat Dok ST5 a fol. 36 hu ma kien sab ebda *tenderness* (fl-ezami tal-iscrotal area kollha) u ghalhekk a tempo vergine dan ic-certifikat ma kien juri l-ebda *injury* ta' dina n-natura. Wara li mbaghad kien intbaghat il-habs u in segwitu l-Isptar giet riskontrata *injury* f'din *area* (ara fol 320 u 321 tal-process).

Fl-inkjesta li kienet saret mill-Bord tal-Vizitaturi issir riferenza ghall allegazzjonijiet ta' swat u theddid li kienu ghamlu t-tlett libjani fil-para 2:1; 2:2 u 2:3 tar-rapport. Il-Bord ta' Inkjesta ghamel riferenza ghal dawk allegazzjonijiet dwar dak li seta' sehh fil-Habs, innota l-

kuntrast bejn dak li nghad mill-ufficjali tal-habs u pulizija skorta u l-prigunieri, u qal li bl-evidenza medika b'kollox, li kienet kompatibbli ma' l-allegazzjonijiet tat-tliet prigunieri u ma xiehda li taw, ma setghetx tghid li l-istess provi u xiehda kienu konklussivi (ara fol 342).

Minn dawn il-provi  l-Qorti hi tal-fehma li effettivament jirrizulta li dak in-nhar ta' l-incident fil Habs xi haga kienet grat u l-libjani kienu gew imsawwta u ta' dan hemm evidenza medika li tikkonfermaha. Jirrizulta wkoll li l-atturi kienu prezenti meta graw dawn il-fatti, ghalkemm il-Bord ma setghax jasal biex jindika definittivament minn kien il-kolpevoli.  Jigi rilevat li ghalkemm l-attur Saliba jghid li dak in nhar hu kien xoghol fil-ghodu l-Qorti, izda wara nofsinhar meta gara l-incident, hu kien prezenti l-habs u jissemma fl-inkjesta.

Ghalhekk il-Qorti tista' tghid li l-artikolu inkriminat kien bazat fuq fatti li kienu sostanzjalment veri. L-atturi joggezzjonaw li huma gew indikati b'ismihom mill-konvenut fil-gazzetta, imma l-konvenut ghandu ragun jghid li l-gazzetta qatt ma qalet li l-atturi sawtu lill prigunieri libjani imma qalet biss li l-atturi jistghu jixhtu dawl importanti fuq dak li gara, aktar u aktar meta huma kienu prezenti ghall-incident u jekk ma kienux huma li sawtu fizikament, kienu zgur bil-presenza taghhom  a konoxxenza ta' min kien ikun qed isawwat. Ghalhekk setghu jitfghu dawl.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-eccezzjonijiet tal-konvenut ghandhom jigu milqugha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad it-talba ta' l-atturi
Bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------